MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 308/2014

**M. Demajo (Timbers) Limited**

**Vs**

**Wayne Attard**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mitejn u erbgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tletin centezmi (€5,224.31) rapprezentanti prezz ta' merkanzija, ossia injam mibjugha u kkonsenjata lilu, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok 'A', bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2015, il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, naqas li jidher u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta tat-2 ta' Frar, 2015 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hamest elef, mitejn u erbgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tletin centezmi (€5,224.31), bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------